

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 323/2008

tat-8 ta' April 2008

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' l-istatistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sottodivizjoni addizzjonali magħha u li hi stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ merkantili.
- (3) Skond dawn ir-regoli ġenerali, il-merkanziji deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella ppreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati fil-kolonna 3.

(4) Hu xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tat-tariffa li torbot li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhijiex skond dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun evokata mid-detentur, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(2)</sup>.

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ppubblikax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhijiex skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi evokata għal perjodu ta' tliet xhur skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*

László KOVÁCS

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 580/2007 (ĠU L 138, 30.05.2007, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>1. Oġġett tal-plastik flessibbli fil-forma ta' nuċċali li fih soluzzjoni kkulurita likwida bil-kompożizzjoni (% tal-volum) li ġeja:</p> <p>— ilma 40</p> <p>— glikol propilniku 60</p> <p>Dan il-prodott huwa maħsub biex itaffi l-uġiġħ ta' ras meta jkun applikat mal-wiċċ wara li l-ewwel ikun tkessaħ fil-friġġ.</p>	3824 90 97	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3 (b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċi NM 3824, 3824 90 u 3824 90 97.</p> <p>Is-soluzzjoni li tinsab fl-envelop tal-plastik tintuża bħala likwidu għat-tkessiħ u tagħti lill-prodott il-karattru essenzjali ta' preparazzjoni ta' titlu 3824.</p> <p>L-oġġett m'għandux effett terapewtiku jew profilattiku, fl-ambitu ta' Kapitolu 30.</p>
<p>2. Envelop magħmul minn folji tal-plastik li fih taħlita ta' ilma u żejt biex jiddaħħal fil-cups tal-malji jew tar-riċipetti.</p>	3926 20 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċi NM 3926 u 3926 20 00.</p> <p>Peress li l-oġġett huwa maħsub biex jiddaħħal fil-cups tal-malji jew tar-riċipetti għan-nisa, fl-ambitu ta' titlu 3926, huwa meqjus bħala aċċessorju ta' lbies ta' subtitlu 3926 20 00</p>
<p>3. Oġġett tat-tixju tad-drapp fil-forma ta' ċinturin, li fih frak ta' qamħ komuni, li wara li jissaħħan fil-majkrowejv, jintuża biex itaffi l-uġiġħ fil-parti ta' isfel tad-dahar.</p>	1001 90 99	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 3 (b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċi NM 1001, 1001 90 u 1001 90 99.</p> <p>Il-qamħ komuni li jinsab fiċ-ċinturin jintuża biex jittrasferixxi s-sħana miżmuma u jagħti lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu ta' ċereal ta' titlu 1001.</p> <p>L-oġġett m'għandux effett terapewtiku jew profilattiku, fl-ambitu ta' Kapitolu 30.</p>